



30.1.2015

## AVVIŻ LILL-MEMBRI

**Suġġett: Petizzjoni 2437/2013 imressqa minn Patrick Huslig, ta' ċittadinanza Ġermaniża, dwar inizjattiva leġislattiva possibbli tal-UE għall-ħolqien ta' mogħdijiet ta' aċċess għal vetturi u timijiet ta' emerġenza li jirrispondu fil-każ ta' aċċidenti tat-toroq**

### 1. Sommarju tal-petizzjoni

Il-petizzjonant jenfasizza l-importanza li jinħolqu mogħdijiet ta' aċċess speċjali li jippermettu passaġġ aktar rapidu u faċli fit-traffiku għal vetturi u timijiet ta' emerġenza li jirrispondu fil-każ ta' aċċidenti tat-toroq. Miżura ta' dan it-tip tgħin biex tnaqqas l-għadd ta' mwiet minħabba aċċidenti tat-traffiku u tiżgura evakwazzjoni aktar rapida tat-toroq tal-madwar. Jemmen li għandha tittieħed inizjattiva leġislattiva f'isem l-UE biex din il-miżura tiġi implimentata fil-livell pan-Ewropew.

### 2. Ammissibilità

Iddikjarata ammissibbli fis-26 ta' Settembru 2014. Il-Kummissjoni ntalbet tagħti informazzjoni (l-Artikolu 216(6) tar-Regoli ta' Proċedura).

### 3. Risposta tal-Kummissjoni, li waslet fit-30 ta' Jannar 2015

It-titjib fis-sikurezza tat-toroq sabiex jonqsu l-imwiet, il-korrimenti u d-danni materjali huwa oġġettiv ewlieni tal-politika tal-UE dwar it-trasport, kif ukoll kwistjoni importanti għas-soċjetà. Madankollu, m'hemmx leġislazzjoni tal-UE b'rabta mas-sinjali tat-toroq, l-immarkar fit-toroq u sanzjonijiet relatati, u kull deċiżjoni sabiex jiġu stabbiliti regoli għal mogħdijiet ta' emerġenza taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri kkonċernati.

Il-Kummissjoni tixtieq iżżid li madankollu s-sinjali tat-toroq u l-immarkar fit-toroq huma

suġġetti għal regoli internazzjonali, kif stabbilit fil-Konvenzjoni dwar it-Traffiku fit-Toroq iffirmata fi Vjenna fit-8 ta' Novembru 1968.

### Konklużjoni

M'hemm l-ebda leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE stabbilita, u l-petizzjonant għandu jindirizza lill-awtoritajiet fil-Ġermanja li għandhom il-kompetenza jieħdu azzjoni (bħala parti kontraenti) fil-kuntest tal-Konvenzjoni dwar it-Traffiku fit-Toroq.